MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Numru. 610/2008

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT CARMELO MAGRI**

**KONTRA**

**RITA BORG ta’ 27 sena, bint missier mhux maghruf u Theresa Borg, imwielda Tal-Pieta’ nhar l-14 ta’ Awwissu, 1982, residenti fil-fond numru 34, Triq il-Qasab, Birkirkara, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 441782M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija RITA BORG li giet akkuzata talli:

1. Nhar it-28 ta’ April, 2008 ghall-habta tas-7 ta’ fil-ghaxija, mill-appartament numru G 61 sitwat fil-kumpless

bl-isem Sundown Court, li jinsab fi Triq ir-Russett, San Gwann, flimkien ma’ persuna ohra mhux maghrufa, ikkommettiet serq ta’ camera digitali tal-marka Canon EOS40D, apparat cellulari tal-marka Sony Ericsson, laptop tal-marka IBM-T43, u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Rolt Jorgen Edin u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro, u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-lok;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tad-dirigenti ta’ l-istess kumpless Sundown Court, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), izda ma tiskorrix il-mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, xjentement laqghet ghandha, jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahlet biex tbiegghom jew tmexxiehom.

Rat l-ammissjoni registrata mill-imputata fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u dan wara li nghatat zmien xieraq mill-Qorti sabiex tahseb fuq l-istess ammissjoni taghha;

Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront taghha, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 278, 279, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Qieghda tilliberaha mir-reat ta’ ricetazzjoni nonostante li ammess, stante li dan ma jirrizultax mill-istqarrija taghha.

Rat dwar il-piena wkoll il-Pre-Sentencing Report redatt u prezentat, u x-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation, fejn giet elenkata sew il-problema li ghandha l-imputata fil-konfront ta’ l-abbuz tad-droga.

Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-fedina penali taghha – taqbel li l-piena idonea ghandha tkun ta’ sentejn (2) habs sospizi ghal erba’ (4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tqieghed lill-imputata taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal sentejn, b’dan illi hija ghandha tkun taht is-supervizjoni ta’ l-Ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia.

Illi tul din l-Ordni ta’ Supervizjoni **Rita Borg ta’ 27 sena, bint missier mhux maghruf u Theresa Borg, imwielda Tal-Pieta’ nhar l-14 ta’ Awwissu, 1982, residenti fil-fond numru 34, Triq il-Qasab, Birkirkara, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 441782M**, ghandha tobdi kull ordni u direttiva lilha moghtija mill-ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia u l-Agenzija Caritas, li fi hdana hija ghandha tibda u tkompli b’success programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga. Illi tali programm residenzjali ghandu jibda mhux aktar tard mill-ahhar tax-xahar ta’ Mejju, 2010, sakemm dewmien oltre ma jkunx imputabbli lil Rita Borg.

Jekk Rita Borg ma ssegwix id-direttivi lilha moghtija jew tikser xi ordni hekk lilha moghtija fi hdan il-programm, hija ghandha tigi mmedjatament imressqa quddiem din il-Qorti.

L-Ufficjal tal-Probation segwenti l-istess Rita Borg ghandha tirraporta lil din il-Qorti bil-miktub il-progress ta’ Rita Borg fi hdan l-Agenzija kull xahrejn.

Rita Borg ghandha wkoll ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta thallas l-ispejjez peritali ghall-ammont ta’ mitejn u disgha u sebghin Ewro, u disgha centezmi (€279.09), pagabbli fi zmien tlitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------